MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1973/2004

**Emanuel Ellul**

**Vs.**

**Stephen Gera**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' elf u tlett mija u sitta u ghoxrin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm1326.60c) rapprezentanti 'premia' tal-assikurazzjoni Middle Sea Valleta Life Assurance Company Limited ghal disa' skadenzi konsekuttivi li kellhom jithallsu mill-istess attur sabiex il-polza ta' assikurazzjoni tibqa' fis-sehh.

Ra r-risposta fejn l-konvenut jghid:

Illi l-inkompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal ratione materiae' u 'ratione valoris' a tenur tal-artikolu 3 tal-Kap. 380.

Illi n-nuqqas ta' integrita' ta' gudizzju stante illi hawn si tratta ta' atti ta' amministrazzjoni straordinarja u mart l-eccipjent ma' gietx citata in gudizzju.

Illi l-eccipjent ma' ta ebda mandat lill-attur u ma sar ebda ftehim mal-attur sabiex dan ihallas il-premia 'de quo agitur' u ghalhekk l-attur, bl-allegat hlas minnu effetwat, fin-nuqqas ta' konvenzjoni, ma' dahalx fil-jeddijiet tal-kreditur, u dan a tenur tal-artikolu 1164 et seq. tal-Kodici Civili.

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez u imghaxijiet.

Ra d-dokumenti esebiti.

L-ewwel eccezzjoni giet michuda b'sentenza separata. Dwar it-tieni eccezzjoni giet kjamata n-kawza mart il-konvenut.

Illi ra x-xhieda tal-attur. Il-konvenut naqas li jixhed.

Illi fit-tielet eccezzjoni l-konvenut qal li ma kien hemm ebda mandat lil attur sabiex dan ihallas il-premia u ghalhekk l-attur, fin-nuqqas ta' konvenzjoni, ma dahalx fil-jeddijiet tal-kreditur. Il-konvenut jaghmel riferenza ghal artikolu 1164 tal-kodici civili. Dan l-artikolu jipprovdi li :

"A person who pays the debt of another person shall not be subrogated to the rights of the creditor except in virtue of an agreement, or by an operation of law".

Illi f'din il-kawza l-attur mhux qed jghid li gie surrogat fid-drittijiet tal-konvenut izda qed jghid li billi l-konvenut intrabat li jirhan favur l-attur polza ta' assikurazzjoni u billi l-konvenut naqas li jhallas il-premia ta' l-istess, l-attur hallas l-istess premia hu u ghalhekk qieghed jitlob rifuzjoni. Illi l-attur kellu kull dritt li jhallas l-polza ghaliex

b’dan il-mod qieghed jipprotegi l-interessi tieghu. Ghalhekk it-tielet eccezzjoni hi michuda.

Illi fin-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tieghu l-konvenut eccepixxa li l-polza ta’ assigurazzjoni in kwistjoni inharget sabiex jigi garantit self moghti mill-attur bl-uzura.

Illi l-konvenut ma gab ebda provi ta’ din l-allegazzjoni u ghalhekk l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut hija michuda.

Illi l-kjamata fil-kawza eccepiet li l-attur ma kellu ebda dritt li jaffettwa l-pagament tat-terz illi ghalih issa qed jitlob ir-rizarciment.

Illi kif inghad hawn fuq l-attur kellu d-dritt li jikkawtela l-interessi tieghu u ihallas l-premium u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza hi michuda.

Illi fit-tieni eccezzjoni taghha l-kjamata fil-kawza qalet li “l-assigurazzjoni in kwistjoni saret biex jigi garantit self bl-uzura moghti mill-attur”.

Illi l-konvenut u l-kjamata fil-kawza naqsu milli jipprezentaw provi dwar din l-allegazzjoni.

Illi fit-tielet eccezzjoni l-kjamata fil-kawza qalet li m’ghandha taghti xejn lill-attur.

Illi l-konvenuti u l-kjamata fil-kawza ghandhom jigu kkundannati jirrifondu lill-attur l-ammont ta’ Lm1326.60 rapprezentanti l-premia fuq polza ta’ assikurazzjoni ghaliex l-attur kellu kull dritt u interess li ihallas l-istess premia u dan sabiex l-polza tibqa fis-sehh. Illi meta Stephen gja la ntrabat li jirhan favur l-attur l-polza kien jaf jew missu kien jaf li jekk ma kienx se ihallas l-premia, l-attur setgha ihallas l-istess premia u jitlob rifuzjoni.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u l-kjamata fil-kawza u jikkondanna lill-istess konvenut u l-kjamata fil-kawza sabiex ihallsu lil attur l-ammont ta’ elf u tlett mija u sitta u ghoxrin Liri Maltin u sittin centezmu

Lm1326.60 bl-imghax mit-19 ta' Mejju 2005 u bl-ispejjes kontra l-konvenut u l-kjamata fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------